**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 67 – IT-TLIETA, 17 TA' MEJJU 2016 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 66

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti

2.1 Rigward paragrafu 6.3, il-Kunsill innota li x-xogħol tal-marki fit-Triq Sant' Antnin għadu pendenti.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jkun hemm sospensjoni tal-agenda u jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Pagamenti Numru 58

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Il-Kunsill innota li l-ftehim li għandu mal-kumpanija GreenPak ser jiskadi fl-aħħar ta' Mejju. Kien hemm qbil li għandha toħroġ expression of interest skont il-gwida kkommunikata mid-DLG.

4.2 Is-Sinkdu tkellem fuq id-deċiżjoni tal-PA kontra l-iżvilupp f' Wied Għomor wara kampanja mill-Kunsilli ta' Swieqi, San Ġwann u San Ġiljan. Għandha ssir attività f'Wied Għomor flimkien bejn dawn il-Kunsilli fis-17 ta' Ġunju 2016. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu sehem f'din l-attività u l-Kunsill għandu jikkontribwixxi għall-ispejjeż.

4.3 Il-Kunsill innota n-notifikazzjoni ta' zvilupp imwaħħla mal-Ġnien Karin Grech għal dan il-proġett li jinkludi l-uffiċini l-ġodda għall-Kunsill.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward Triq is-Sardinell. Ġie deċiż li jsiru l-linji ta' din it-triq u terġa' ssir talba lil TM biex din it-triq issir 'Access Only for Residents' and 'To Render a service'.

4.5 Kien hemm diskussjoni rigward Mertu San Ġwann 2016. Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet lis-Sinjura Helen Hinton għax-xogħol tagħha fil-missjoni. Ġie deċiż li minflok jiġi ppreżentat lill-Organizazzjoni li jaħdmu fil-Missjoni. Kien hemm qbil unanimu. Ġie propost ukoll is-Sur Bjorn Vassallo li qed iservi bħala Segretarju Ġenerali fl-MFA kif ukoll irrappreżenta lil Malta fil-UEFA. Kien hemm qbil unanimu. Ġie nnominat ukoll is-Sur Raymond Colombo għall-ħidma tiegħu fil-Klabb tal-Futball u li hu soċju f'ħafna għaqdiet. Kien hemm diskussjoni peress li normalment jiġi pproponut l-għaqda u mhux l-individwu. Għandu jintalab profil tas-Sur Colombo u d-deċiżjoni issir aktar 'il quddiem. Ġie deċiż ukoll li tiġi fformulata policy miktuba ta' għotja ta' Mertu San Ġwann.

4.6 Il-Kunsill ġie nfurmat li tlesta l-fencing u l-gradi tad-dog park. Għandhom isiru l-bankijiet u d-doggie bins . Għandu jsir sir ftuħ uffiċjali aktar 'il quddiem.

4.7 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Fedex ser tniedi sistema ta' ħlas bil-mobile u ser tibda minn xi ħwienet f'San Ġwann. Huma qed jistiednu lill-Kunsill biex ikun parti minn din il-launch. Kien hemm qbil fuq din.

4.8 Kien hemm diskussjoni rigward l-iżvilupp li qed isir fi Triq il-Bies. Dan l-iżvilupp kien suġġett għal enforcement notice imma x-xogħol baqa' għaddejj. Ġie deċiż li tintalab laqgħa mal-PA fuq il-post rigward din is-sitwazzjoni.

4.9 Ġie innutat is-servizz ħazin li hemm mill-MCA fil-Wifi. Kien hemm qbil li jsir Wifi ieħor mal-GO barra minn din tal-MCA fl-ufficju tal-kunsill.

4.10 Kien hemm diskussjoni rigward il-ħaddiema assenjati lill-Kunsill għal xogħlijiet fuq il-lant. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Ministru biex tinbidel il-liġi u l-Kunsill ikun jista' jimpjega ħaddiema dirett u jintalbu fondi addizzjonali għal dan.

4.11 Il-Kunsill innota l-feedback pozittiv għall-guva li saret fi Triq Caruana Dingli. Kien hemm qbil fil-prinċipju li għandha ssir oħra. Għandu jiġi kkunsidrat Ġnien Santa Margerita. Is-Sur Trevor Fenech għandu jagħmel kuntatt ma' resident fl-akwata rigward il-possibbiltà li jieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' din il-guva.

4.12 Is-Sindku tkellem fuq Triq il-Mensija. Din it-triq saret waħda kummerċjali u importanti għat-traffiku. Kien hemm qbil li tintbagħat ittra lill-PM, kif ukoll lil Ministru u s-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali għal għajnuna finanzjarja biex din it-triq tingħata wiċċ ġdid u bankini wisgħajn.

**5 Korrispondenza**

.

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward kommunikazzjoni mit-TCTC. Dawn ipproponew li l-Kunsill ta' San Ġwann jieħu sehem fil-courses fi klassijiet fl-lokal ieħor u mingħajr ħlas għall-Kunsill ħlief budget ta' 200 Ewro għall-promozzjoni ta' dawn il-courses. Kien hemm qbil unanimu.

5.2 Ġiet innutata proposti mit-TM għal tibdil fl-immaniġġjar tat-traffiku fi Vjal ir-Riħan u xi toroq tal-madwar kif ukoll qtugħ ta' tliet siġar mis-central strip ta' Vjal ir-Riħan. Ġie deċiż li tintalab laqgħa b'urġenza ma' TM rigward dawn il-proposti.

5.3 Kien hemm qbil unanimu li l-aġenzija Sedqa tieħu sehem f'attivitajiet ta' Jum San Ġwann billi jippromovu servizzi tagħhom

5.4 Il-Kunsill innota laqgħa mal-Kummissarju għar-Riduzzjoni tal-Burokrazijia nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2016. Għandu jattendi s-Sindku.

5.5 Kien hemm qbil unanimu li jinħareġ No Objection għal talba biex resident jirranġa l-bankina fi Triq l-Arżnu bi spejjes ghar-resident. Din il-bankina għandha tkun aċċessibbli għal kulħadd u mingħajr ostakli għal min jagħmel użu minn siġġu tar-roti.

5.6 Kien hemm qbil l-ammont li għandu jitħallas għal kull edizzjoni tal-Ħuġġieġa hija 522 Ewro peress li hemm il-VAT ukoll.

5.7 Kien hemm qbil li tinġabar stima mill-kuntrattur tal-Kunsill biex isir passaġġ madwar il-guva biex ikun hemm aċċess aħjar.

**6 Affarjiet Oħra**

6.1 Is-Sur Dominic Cassar tkellem fuq:

6.1.1 Bozza ġdida fi Triq il-Bosfru. Hu nforma lill-Kunsill li bozza ġdida mingħajr arblu tiswa bejn 300 u 400 Ewro. Kien hemm qbil li ssir il-bozza fi Triq il-Bosfru.

6.1.2 Il-bżonn li tiġi rranġata l-Board fejn il-Bring in Sites fi Triq Stefanotis. Għandha tintbagħat reminder lil GreenPak. Kien hemm qbil ukoll li jsir bin ġdid fi Ġnien Santa Margerita.

6.1.3 L-istima biex titneħħa s-siġra minn Triq l-Ibiskus hija 250 Ewro. Kien hemm qbil li tiġi aċċettata din l-istima. Is-Sur Cassar għandu jinforma lis-Sinjura Joan Farrugia qabel ma tkun ser titneħħa.

6.1.4 Għandha tintbagħat reminder lil WSC biex isiru l-marki tat-toroq fejn saru ix-xogħlijiet. Dawn jinkludu toroq San Ġwann tal-Għorgħar, San Ġiljan u Mensija, kif ukoll re instatment tar-roundabout ta' Triq il-Mensija.

6.1.5 Ġie deċiż li jintalab parir mill-Perit tal-Kunsill rigward parti mill-bankina fi Triq R Caruana Dingli.

6.16 Ġie innutat li hemm għalqa privata fl-aħħar parti ta' Triq Santa Margerita li hija maħmuġa. Ġie innutat ukoll li hemm garage ħdejn l-Rovic li qed jitlob li faċċata jsir double yellow line. Ma kienx hemm qbil fuq din.

6.2 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex tinbidel tabella f'Misraħ Lewża li tindika li għandu jsir parkeġġ bl-exhaust il-barra. Kien hemm qbil fuq din. Talbet ukoll li jkollha kopja tal-lista tal-inviti għal Mertu San Ġwann.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 30 ta' Mejju 2016 fil-5.30pm.

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Ezekuttiv**
**Sindku**